**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charlotte Curmi)**

**vs**

**Clinton John Scerri Harkins**

**Kumpilazzjoni numru 58/2018**

**Illum 8 ta' Mejju, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Clinton John Scerri Harkins** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 548681 (M) billi huwa akkuzat talli:

1. Nhar is-16 ta' Jannar 2018 ghall-habta tan-nofs siegha (12:30 hrs) gewwa Triq F M Ferretti B'Bugia, minghajr il-hsieb li joqtob jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, hebb ghall-persuna ta' Antoinette Cauchi u kkagunalha griehi ta' natura gravi skont ma ccertifika Dr. Patrick Galea Reg. 3481 tac-centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid.
2. Talli wkoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qabad strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina) kontra Antoinette Cauchi.

3. Talli wkoll fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra Antoinette Cauchi sabiex jingurjha, idejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor.
4. Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil Antoinette Cauchi biza li ser tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra.
5. Talli rrenda ruhu recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Antoinette Cauchi jew individwi oħra jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat u dan ai termjini tal-artikoli 412C.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat Clinton John Scerri Harkins ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 22 ta' Marzu 2018 (esebita a fol. 45 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 214, 215, 216, 217, 218 u 222(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 339(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 215B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31, 533 u 532A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-8 ta' Mejju 2018, gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-22 ta' Marzu 2018, u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti rat li l-imputat u l-*parte civile* iddikjaraw li jaqblu illi n-natura tal-griehi hija wahda hafifa u dan in linea mac-certifikat mediku esebit f'dawn l-atti. Inoltre l-imputat jobbliga ruhu illi ma jimmolestax u ma jdejjaqx lill-*parte civile*. In vista ta' dan il-*parte civile* tirrinunzja ghal dak kollu li hu rinunzjabbli kriminalment.

Illi għalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib htija tal-imputazzjonijiet li m'humiex rinunzjabbli.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet li m'humiex rinunzjabbli u dan fi stadju bikri hafna.

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni.

> "*Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din m'hix utopija, nistgħu naslu għaliha. M'hix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw.*"[1]

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma*

[1] Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013

*tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u wara li rat l-Artikoli indikati fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali tat-22 ta' Marzu 2018 u wara r-rinunzja tal-parte civile tal-akkuzi rinunzjabbli l-Qorti issib lill-imputat Clinton John Scerri Harkinks hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena millum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

*In oltre,* b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni skont id-digriet hawn anness.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**